Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,339, 5 ta' November, 2024
Taqsima B

A.L. 286 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Centru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Centru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Centru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Centru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Grad ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Master ikklassifikat b'Għadda b'Mertu (jew l-ekwivalenti) fir-Riżoluzzjoni ta' Konflitti, fil-Liġi, fil-Politika, fid-Diplomazija jew fir-Relazzjonijiet Internazzjonali jew f'qasam relatat. Fil-każ ta' applikanti li għandhom grad ta' Master minn din l-Università jew minn università oħra, fejn mhux possibli li tiġi determinata l-ekwivalenza ta' Għadda b'Mertu, il-Bord jista jiddetermina proċeduri *ad hoc* biex tiġi stabbilita din l-ekwivalenza.

4. L-applikanti jistgħu wkoll ikunu mitluba juru l-kompetenza f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

Il-President taċ-Ċentru (bħala President)
Id-Direttur taċ-Ċentru, jew delegat, u
Membru tal-Istaff Akkademiku Residenti

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat jista' jikkooptja sa żewġ membri oħra minn Fakultajiet/Istituti/Ċentri, li għandhom kwalifiki akkademiċi tad-dottorat, jekk iqis neċessarju.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

6. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, u wara l-parir tas-Superviżur Prinċipali, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju mgħallma waqt l-istudji tagħhom, u/jew li jwettqu b'suċċess xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

7. Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji u l-Prattika għar-Riżoluzzjoni ta' Konflitti, ippublikati bħala Avviż Legali 339 tal-2018, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.